# LAMPEDUSA

Wara dak kollu li ġibna fuq Lampedusa f'dan il-Qari, ġew f'idejna żewġ kotba oħra : wieħed ta' Ashby u l-ieħor ta' Sommier. Iżda, għalkemm dawn iż-żewġ kittieba jitħaddtu wkoll fuq ġrajjiet Lampedusa, dak li qalu, ħadu minn fuq kotba oħra. L-iżjed wieħed li kiteb fuq din il-Gżira, kien Sanvisente, dak il-Kmandant li bil-bastimenti tar-Re ta' Napli fl-1843 mar ħa Lampedusa minn taħt idejn il-Maltin.

F'Lampedusa kien hemm Knisja li ġġib l-isem tal-Madonna. Minn din il-Knisja kont tgħaddi għal Knisja oħra tat-Torok, fejn dawn kienu jqimu l-Profeta tagħhom.

Dawk il-bastimenti li kienu jgħaddu minn din il-Gżira, tista' tgħid, kollha kienu jħallu xi ħaġa tal-flus għall-Knisja tal-Madonna. U dan kien isir mhux biss minn dawk li kienu nsara, imma saħansitra wkoll mit-Torok, billi dawn kellhom qima kbira għall-Madonna ta' Lampedusa.

Mill-flus li kienu jitħallew f'din il-Gżira għall-Knisja, ġie żmien li ħadd ma kien jittarraf li jmiss minnhom, imħabba li kullħadd kien jibża'. Dan il-biża' tnissel fuq ġrajjiet li jgħidu li saru. Jingħad li mita xi ħadd kien imiss xi flus tal-Madonna, ma kienx jista' jitbiegħed minn Lampedusa. Dan kien isir imħabba r-riħ u tqanqil ta' baħar li kien jiltaqa' miegħu malli dak li jkun jitlaq mill-Gżira, jew imħabba ħwejjeġ oħra li kienu jġagħluh jarġa' l-ura lejn Lampedusa. Jingħad ukoll, li dawk li missew il-flus tal-Madonna ġie li għerqu f'baħar difa.

Imħabba dan il-biża' li tnissel, il-flus li kienu jitħallew lill-Madonna, ħadd ma kien imisshom, ħlief il-Kavalieri ta' Malta. Kull xi żmien, ix-Xwieni ta' Malta kienu jgħaddu minn Lampedusa u jiġbru l-flus li jsibu. Xi wħud igħidu li l-Kavalieri kienu jieħdu dawn l-flus għall-ħtieġa tal-morda tal-Isptar li kellhom hawn Malta. Iżda oħrajn, li kienu iżjed imgħarrfa dwar din il-biċċa, igħidu li l-Kavalieri l-flus ta' Lampedusa kienu jeħduhom fil-Belt ta' Trapani u jatuhom lir-rħieb tal-Kunvent fejn kien hemm il-Madonna ta' Trapani.

Lampedusa damet għal bosta żmien bla ħadd ma jgħammar fiha. Mita Massa fl-1709 mar iżurha, ma sab lil ħadd. Moreri jgħid, fil-"Grand Dictionaire Historique," fl-Edizzjoni tal-1732, li Lampedusa kienet imgħammra minn bniedem wieħed. Hekk ukoll iġġib l-Enciclopedija Brittanica. Din tgħid, li mita fl-1737 għadda minn Lampedusa l-Earl of Sandwich, sabha mgħammra minn wieħed biss.

Fl-1760 f'Lampedusa marru jgħammru sitt Franċiżi b'qassis magħhom. Dan igħiduh Calcara u Sanvisente.

Il-kittieba jgħidu li dawn il-Franċiżi kienu joqogħdu f'Lampedusa taħt il-protezzjoni tal-Balliju de Boccage, wieħed mill-Kavalieri tal-Ordni. Dan il-Balliju kien joqgħod f'Malta.

Biex il-Franċiżi li semmejna kienu jgħammru fil-Gżira, kellhom ukoll is-setgħa mill-Gvern Tork. Din il-biċċa kienet tinħtieġ, għax Lampedusa, taħt il-ħakma ta' Boccage, kienet tista' tinżamm li hi wkoll taħt il-ħakma tal-Kavalieri ta' Malta. Fuq hekk, bis-setgħa li ta s-Sultan Tork, Lampedusa ġiet meħlusa minn kull ħbit li fuqha seta' jsir mill Kursari Torok.

Kemm damu hemm il-Franċiżi li semmejna, il-kittieba ma jgħidux. Biss nafu, li l-kittieb Torremuzza jgħid, li fl-1781 ma kien hemm ħadd igħammar f'Lampedusa.

Fl-1783, xi wħud li waslu f'Lampedusa mill-Affrika, mardu bil-pesta. Il-Gvern ta' Sqallija bagħat hemm it-tabib Toni Corsi, minn Trapani. Dan mar l-ura, lejn Palermu, fl-1784. Fil-Gżira hemm kitba li turi li f'dik l-art mietu xi nies bil-pesta fl-1784.

Fl-1800, bħalma għedna f'dan il-Qari, Lampedusa ġiet mikrija lil Salvu Gatt.

Mita Gatt daħħal sħab miegħu lill-ingliż Xandru Fernandez, dan tal-aħħar ta' bidu sewwa għax-xogħol tar-raba'. Fernandez ħa minn 300 sa 400 ruħ biex jibdew igħammru l-Gżira. Fl-1810 beda jtella' l-kastell bla sengħa li hemm. Dan ġie mibni fuq fejn qabel kien hemm erba' torrijiet qodma mħarbta.

Iżda t-tgħammir ta' Lampedusa bin-nies, ma rnexxiex. Mita bejn l-1814 u l-1816 kaptan Smith mar iżur Lampedusa, hemm sab 12 jew 14 il-bidwi Malti biss. Dawn kienu mxerrdin mal-Gżira, igħammru ġo għerien. Nies Fernandez kienu jgħammru f'dar żgħira, qrib għar kbir, bla ebda tħaris mill-kursari jew minn dawk il-bastimenti mċappsa bil-mard li jersku l-hemm.

Mita Gussone żar Lampedusa fl-1828, sabha mgħammra minn 24 Malti biss. Dawn hemm kienu jgħaddu ħajja bil-bosta mġebbda u mxuma.

Sommier igħid, li mita fl-1843 il-kaptan Sanvisente ħa Lampedusa f'idejh fl-isem tar-Re ta' Sqallija, dan sar bi ftehim li ntagħmel qabel ma' sidien il-Gżira u ma' nies Gatt. Iżda, f'din il-biċċa, Ashby ma qabilx ma' li qal Sommier. Ashby igħid, li fl-1843 is-setgħat ta' nies Gatt fuq Lampedusa

waqgħu, imħabba li dawn baqgħu l-ura fil-ħlas tal-kera. Fuq hekk, il-Gżira ġiet meħudha mir-Re ta' Sqallija. Mill-24 Malti li kien hemm, xi wħud ġew Malta, oħrajn telqu lejn Sfax. Xi wħud, nissiela ta' dawk il-Maltin li baqgħu f'Lampedusa, għadhom jinsabu hemm, għalkemm dawn il-lum ma jafux jitkellmu bil-Malti.

Dan li għedna fuq Lampedusa ħadnieh mill-kotba ta' Ashby u Sommier. Xi darb'oħra nġibu x'sibna f'manuskritti li ġew f'idejna. Bihom nuru, min seta' kien dak il-wieħed li l-Earl of Sandwich sab igħammar f'Lampedusa; mita kien semma li l-Balliju de Boccage ħa l-Gżira f'idejh; u x'ġens ta' nies kienu dawk li fl-1760 kienu jgħammru f'Lampedusa, nies li minn għala l-kittieba kienu Franċiżi, fil-ħin li dawk aktarx li kienu Maltin.

Ġużè Gatt.